SAN GILJAN

**Kunsill Lokali San Ġiljan**

# Rapport Annwali Amministrattiv 2010

Werrej


| | |
|---|---|
| **Il-Kunsill** | **2** |
| **Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill** | **42** |
| **Varjazzjonijiet fid-Dħul u l-Infiq** | **44** |
| **Rapport tal-Awditur u l-'Financial Statements'** | **47** |

# Sena Finanzjarja 2010

Il-ħidma li wettaq l-Il-Kunsill qiegħed jippreżenta rapport ta' xogħolijiet fuq l-andament tal-Kunsill kif ukoll jagħti ħarsa lejn il-ħidma u l-operat tal-Kunsill matul is-sena finanzjarja mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2010. Il-Ħidma tal-Kunsill matul dawn ix-xhur kienet waħda impenjattiva fejn kull Membru tal-Kunsill ta dak kollu li seta sabiex isir progress, u sa fejn possibbli jinkisbu riżultati konkreti u pożittivi.

Għalhekk dan ir-rapport ser ikun qiegħed jagħti ħarsa lejn l-attivitajiet ewlenin ta' matul is-sena kif ukoll il-pjan ta' ħidma għas-sena finanzjarja 2011. Dan skond Artiklu 70 ta' l-Att XV ta' l-1993 - Att dwar Kunsilli Lokali.

Il-Kunsill għandu diversi kuntratti u dan kif ġej;

***Kuntratti dwar:-***

- Ġbir u ġarr ta' skart domestiku inkluż servizz ta' skips f'diversi toroq fil-lokalita';
- Ġbir u ġarr ta' skart goff;
- Ġbir ta' skart separat;
- Tindif u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi;
- Tindif tat-toroq u areas pubbliċi. Dan jinkludi ukoll il-ħasil ta' Triq Wilġa, Trejqet Dragonara u l-Pjazza ta' quddiem il-Burger King f'Paceville fix-xhur tas-Sajf;
- Titjib u manutenzjoni tat-toroq, bankini, sinjali u marki tat-toroq;
- Tindif u manutenzjoni ta' ġonna pubblici (fi Triq Ross; Triq Saver Zarb; Triq William Hardman u l-Pjazza Balluta;
- Servizz ta' Contracts Manager;
- Servizz ta' Accountant;
- Servizz ta' Security Services;
- Servizz ta' Mini-Van;
- Insurance;
- Sistema ta' Infurzar Lokali. Din tinkludi Ftehim ta' Ko-operazzjoni bejn seba' Kunsilli Lokali, Servizz ta' Uffiċċjal Awtorizzat, Servizz ta' Gwardjani Lokali, Servizz tad-Datatrak;
- Sistema ta' Installazzjoni u Manutenzjoni ta' Dwal tat-Toroq. Din tinkludi Ftehim ta' Ko-operazzjoni bejn tlettax il-Kunsill Lokali, Kuntratt għal Installazzjoni u Manutenzjoni tad-Dawl, Servizz ta' Contract Manager;
- Tiżjin ta' dawl tal-Milied;
- Resurfacing ta' toroq b'sistema ta' Public Private Partnership (PPP);
- Preparazzjoni tas-*Sustainable Energy Action Plan* (SEAP).

Minbarra dawn ir-responsabilitajiet, il-Kunsill għandu aktar poteri u dan kif ġej:
- Jipproponu lill-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni, persuni biex jinħatru bħala Presidenti ta' Kunsilli ta' skejjel primarji.
- Isir il-ġbir u t-tiġdid tal-licenzji f'isem l-awtorita' regolatorja.

- Jimplimentaw ftehim mal-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma dwar it-tiswija tat-toroq wara li jkun sar xogħol ta' trinek. Ser jiġi ffirmat il-ftehim il-ġdid. – (Inc. 3428/10 Minuti 33/K6/10)
- Il-Kunsilli Lokali ħadu f'idejhom l-infurzar ta' diversi liġijiet fil-lokalita' tagħhom permezz ta' l-Gwardjani Lokali u bdew jamministraw it-Tribunali. (Local Enforcement System).
- Isir il-ġbir tal-ħlas tal-kera ta' proprjeta' tal-Gvern.
- Il-Kunsilli ngħataw id-dritt li jidħlu għal inizjattivi kummerċjali jew waħedhom jew mas-settur privat (PPP).
- Il-Kunsilli ħadu r-responsabilita' tat-twaqqif u l-manutenzjoni tal-bus shelters.
- Delega għal ħrug ta' permessi għal xogħol ta' tħaffir ta' trinek u attivitajiet li jeħtieġu permess mill-Kunsilli Lokali.

## *Ilmenti / Korrispondenza*

Permezz tas-sistema ta' e-Government kull ċittadin jista' jressaq l-ilmenti mill-kumdita' ta' daru (mis-sistema www.servizzi.gov.mt). Madankollu l-ilmenti kollha li jaslu għand il-Kunsill jiġu trasmessi b'sistema '*on line*' u tittieħed azzjoni mid-dipartimenti kkonċernati.

Mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2010 il-Kunsill irċieva 415 ilment li minnhom 235 huma ssettiljati, 102 huma ilmenti li ġew magħluqa filwaqt li 78 għadhom pendenti. Madankollu l-Kunsill ħa kwalunkwe azzjoni meħtiega biex jitnaqqas kull inkonvenjent lill-pubbliku.

Il-Kunsill għandu statistika ta' l-ilmenti li rċieva sa mill-ewwel snin li l-pubbliku beda jressaq l-ilmenti tiegħu u dan kif ġej:

| Perjodu | Ilmenti Rċevuti | Ilmenti Ssettiljati | Ilmenti Magħluqa | Ilmenti Pendenti |
|---|---|---|---|---|
| 1/1/96 – 31/12/96 | 1 | 1 | | 0 |
| 1/1/97 – 31/12/97 | 566 | 566 | | 0 |
| 1/1/98 – 31/12/98 | 419 | 418 | | 1 |
| 1/1/99 – 31/12/99 | 575 | 569 | | 6 |
| 1/1/00 – 31/12/00 | 350 | 330 | | 20 |
| 1/1/01 – 31/12/01 | 219 | 209 | | 10 |
| 1/1/02 – 31/12/02 | 327 | 240 | 79 | 8 |
| 1/1/03 – 31/12/03 | 310 | 123 | 183 | 4 |
| 1/1/04 – 31/12/04 | 358 | 242 | 104 | 12 |
| 1/1/05 – 31/12/05 | 309 | 177 | 104 | 28 |
| 1/1/06 – 31/12/06 | 338 | 212 | 97 | 29 |
| 1/1/07 – 31/12/07 | 234 | 157 | 47 | 30 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1/1/08 – 31/12/08 | 282 | 158 | 99 | 25 |
| 1/1/09 – 31/12/09 | 314 | 269 | 2 | 43 |
| 1/1/10 – 31/12/10 | 415 | 235 | 102 | 78 |

Minbarra lmenti li l-Kunsill jirċievi jintbagħtu diversi ittri. Fil-fatt mill-1 ta'Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2010 l-Kunsill bagħat 1633 korrispondenza u rċieva 6882 ittra.

Il-Kunsill għandu statistika ta' l-ittri li ntbagħtu kif ukoll dawk li rċieva u dan kif ġej:-

| Perjodu | Ittri li Ntbagħtu | Ittri li Waslu |
|---|---|---|
| 01/04/94 – 31/12/94 | 171 | 763 |
| 01/01/95 – 31/12/95 | 361 | 1633 |
| 01/01/96 – 31/12/96 | 593 | 2239 |
| 01/01/97 –31/12/97 | 612 | 2514 |
| 01/01/98 – 31/12/98 | 448 | 2162 |
| 01/01/99 – 31/12/99 | 593 | 2451 |
| 01/01/00 – 31/12/00 | 686 | 3025 |
| 01/01/01 – 31/12/01 | 942 | 3461 |
| 01/01/02 – 31/12/02 | 868 | 4686 |
| 01/01/03 – 31/12/03 | 823 | 4856 |
| 01/01/04 – 31/12/04 | 1140 | 4882 |
| 01/01/05 – 31/12/05 | 1295 | 5423 |
| 01/01/06 – 31/12/06 | 1278 | 5609 |
| 01/01/07 – 31/12/07 | 1177 | 5437 |
| 01/01/08 – 31/12/08 | 1260 | 5637 |
| 01/01/09 – 31/12/09 | 1393 | 6200 |
| 01/01/10 – 31/12/10 | 1633 | 6882 |

Hawnhekk wieħed jinnota li meta jiġi kkomparat l-ammont ta' korrispondenza li l-Kunsill bagħat u li rċieva din is-sena ma' dawk tas-sena 1994 jirrizulta li x-xogħol amministrattiv żdied b'disa' darbiet aktar.

## Ħrug ta' Permessi

Il-Kunsill joħrog il-permessi skond l-Avviz Legali 119/2002, dan jinkludi permessi għall-krenijiet, divertiment okkażjonali, qtugħ ta' wiċċ ta' triq, tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet,

tqegħid ta' posta jew kiosks, u permessi oħrajn. Mill-1 ta’ Jannar 2010 sal-31 ta’ Diċembru 2010 ġew ipproċessati elf, sebgħa mija u tmienja u tlettin permess (1738).

Il-Kunsill għandu statistika tal-permessi li nħargu u dan kif ġej:-

| Perjodu | TPS | Divertiment Okkażjonali | Skips | Depożitu ta’ Materjal | Makkinarju / Krejn | Posta / Kiosk | Mwejjed U Siġġijiet | Użu tal-Grawnd | Reklami fuq Għamara tat-toroq | Bastimenti tas-Sajd. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 01/01/02 - 31/12/02 | 0 | 18 | 118 | 2 | 215 | 53 | 1 | | | |
| 01/01/03 – 31/12/03 | 27 | 8 | 167 | 5 | 678 | 58 | 2 | | | |
| 01/01/04 – 31/12/04 | 41 | 4 | 319 | 33 | 927 | 61 | 4 | | | |
| 01/01/05 – 31/12/05 | 33 | 4 | 217 | 7 | 748 | 57 | 2 | | | |
| 01/01/06 – 31/12/06 | 20 | 4 | 289 | 9 | 1040 | 78 | 3 | | | |
| 01/01/07 - 31/12/07 | 22 | 3 | 212 | 7 | 1487 | 78 | 5 | | | |
| 01/01/08 – 31/12/08 | 27 | 2 | 244 | 8 | 1706 | 71 | 3 | 12 | 5 | 10 |
| 01/01/09 – 31/12/09 | 34 | 1 | 320 | 25 | 1552 | 71 | 5 | 0 | 9 | 6 |
| 01/01/10 – 31/12/10 | 68 | 1 | 204 | 26 | 1347 | 71 | 6 | 2 | 13 | 0 |

## ***<u>Xogħolijiet varji li saru</u>:-***

- Sar xogħol ta’ *patching* fil-lokalita’ kollha. Saru tiswijiet inġenerali fit-toroq u fuq il-bankini, inbidlu diversi kaptelli minn fuq il-bankini li ġew imkissra minħabba vetturi li jitilgħu fuq dawn il-bankini. Fejn kien hemm il-bżonn tpoġġew *hand railings, crash barriers* jew *bollards*. Kontinwament isiru t-tabelli u sinjali tat-toroq ġodda, jerġgħu isiru dawk it-tabelli li jiġu vandalizzati kif ukoll issir manutenzjoni tat-tabelli u sinjali tat-toroq li jmorru bl-użu eċċessiv, dan bħal *zebra crossings, parking bays* u marki tat-toroq oħra. Saru ‘rubber road humps’ kull fejn ġew approvati mit-Transport Malta.

- Sar manutenzjoni tad-dawl f'diversi toroq;

- Sar manutenzjoni fl-area ta’ Ta’ Ġiorni kollu inkluz il-Ġnien Dun Anton Sciberras, u f’diversi postijiet fil-lokalita’ fejn ġew irranġati ċnut u bankijiet li ta’ sikwit jiġu vvandalizzati.

- Sar tindif u qtugħ ta’ ħaxix fil-lokalita’ kollha.

- Il-Kunsill ġabar informazzjoni dwar ix-xelters li hawn fil-lokalita’, bi ħsieb li l-quddiem dawn jiġu restawrati tnejn minnhom biex ikunu attrazzjoni għall-pubbliku in generali.

- Il-Kunsill qed jipprova jiġbor l-informazzjoni fejn kienu l-għejjun fil-lokalita’

- Ġew irranġati bankini u / jew saru ġodda.
- Twaħħlet notice board fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokjali.

**Xogħlijiet oħra li saru fil-lokalita' mill-Gvern Lokali b'kollaborazzjoni mal-Kunsill:-**

- Sar l-pont fuq il-blat fi Triq Ġorġ Borġ Olivier faċċata tal-Gelat d'Or;
- F'Ottubru 2010 bdew ix-xogħlijiet infrastruturali mill-Gvern Ċentrali fi Triq Anġelo Pullicino;
- Tlesta l-embellishment li sar fi Triq Wied Għomor u parti minn Triq Forrest;
- B'kollaborazzjoni mal-Ministeru tax-Xogħlijiet, ġie rranġat il-pavimentar fil-Pjazza ta' Paceville.

**Xogħolijiet varji li huma pendenti**

Hemm xi xogħolijiet oħra li għadhom pendenti fosthom:-

- Manutenzjoni ta' toroq u bankini fil-lokalita';
- Manutenzjoni ta' tabelli u sinjali tat-traffiku f'diversi toroq, inkluż Paceville;
- Jiżdiedu erba' bus shelters fi Triq Sant'Andru, jitqiegħed bus shelter fi Triq Ta' Ġiorni faċċata tal-bus shelter li diġa hemm u jitqiegħed bus shelter ieħor ħdejn il-Pazza Balluta.
- Hemm il-ħsieb li fil-Pjazza tal-Balluta jsir platform li jiżżarma biex dan jintuża waqt l-attivitajiet.
- Jridu jsiru sitt bollards, erba' fi Triq il-Knisja u tnejn fi Triq Lapsi.
- Hemm applikazzjoni għand il-MEPA P.A. No. _____ sabiex l-aċċess għas-simenta min-naħa taż-żewġ pitches jitħalla miftuħ għall-pubbliku.

***Turiżmu***

Bħal ma jaf kulħadd San Ġiljan huwa post turistiku u għalhekk it-turiżmu huwa wieħed mis-sorsi ewlenin għall-għejxien ta' ħafna familji. Din is-sena għal sena oħra konsekuttiva, il-Ministeru għar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali b'kollaborazzjoni mal-Kunsill, reġa' ta servizz addizzjonali ta' tindif għal matul ix-xhur tas-sajf. Dan is-servizz addizzjonali kien jinkludi tindif tat-toroq, ġbir ta' l-iskart u tbattil ta' litter bins minn

ħdejn il-Baracuda Restaurant fi Triq il-Kbira, sa Paceville area, inkluż id-dawra tal-bajja f'San Ġorg.
Dan is-servizz sar kuljum mit-Tnejn sas-Sibt. Dan minbarra servizzi oħra li jingħataw matul is-sena kollha inkluż servizz ta' First Aid.

## Tourist Information Office

Hemm il-ħsieb li b'kollaborazzjoni mal-Kunsill jsiru żewġ Tourist Information Offices, wieħed fil-Bajja ta' San Ġorġ u l-ieħor fi Triq Ġorġ Borg Olivier minflok il-latrina tan-nisa filwaqt li l-latrina ta' l-irġiel li hemm fil-Pjazza ta' Spinola (fid-daħla tat-Tigulio) titwaqqa' u minflok isiru waħda ta' l-irġiel u waħda tan-nisa.

## Servizz addizjonali ta' tindif

Għal matul ix-xhur tas-Sajf, barra t-tindif normali ta' kuljum, darba fil-gimgħa jinħaslu Triq Wilġa, Trejqet Dragonara u l-Pjazza ta' quddiem Burger King f'Paceville

Il-Ministeru tat-Turizmu b'kollaborazzjoni mal-Kunsill, pprovda s-servizz ta' tbattil ta' litter bins fix-Xatt ta' Spinola darbtejn kuljum.

Fis-Sajf mill-21 ta' Ġunju 2010 sal-21 ta' Settembru 2010 sar ħasil tat-toroq mill-Westin Dragonara sal-Bajja ta' San Ġorġ, u mil-Bajja ta' San Ġorġ sa' l-ITS, darbtejn fix-xahar, kull l-ewwel u l-aħħar Tnejn tax-xahar.

Għall-ewwel darba, fix-xahar ta' Settembru 2010, il-Kunsill ħasel il-ħajt in-naħa ta' Villa Rosa, u l-bankina tal-faċċata.

Kuljum wara l-5pm ġie mnaddaf il-promenade fuq iż-żewgt naħat tal-bankini min-naħa tal-Barracuda Restarurant fi Triq il-Kbira sa ħdejn id-Dicks Bar fi Triq San Ġorġ, kif ukoll it-tindif tat-taraġ ta' Triq Angelo Pullicino u t-taraġ ta' Triq Scicluna fil-Balluta. Dan is-servizz sar mid-19 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 2010.

## Blue Flag Status

Il-Bajja ta' San Ġorġ hija l-unika bajja s'issa f'Malta li ingħatat il-Blue Flag Status. Din hija 'award' internazzjonali li tingħata lill-bajjiet, portijiet, *marinas,* u dgħajjes li jkunu pparteċipaw fil-Blue Flag Programme u li ġew ikkonfermati nodfa, ta' ċertu sigurta' u li jirrispetaw l-ambjent.

## Infurzar tal-Ligi

Wara kwazi disa' snin mit-tħaddin tas-sistema ta' infurzar tal-liġi jidher illi sar kambjament kbir kemm fl-inġieba tas-sewwieqa kif ukoll min-naħa tal-pubbliku

nġenerali. Madankollu hija r-responsabbilta' tal-Kumitat Konġunt għall-infurzar tal-Liġi li jara li din is-sistema titħaddem mill-aħjar possibbli.

## Edukazzjoni

- ✓ Il-Kunsill joffri ssapport tiegħu lill-Kulleġġ Santa Klara għall-programm ta' l-EkoSkola.
- ✓ Għal darb'oħra l-Kunsill reġa' għamel avviz għal kull minn hu interessat li jattendi kors fil-kompjuter, jew xi kors ieħor tal-Long Life Learning. Din is-sena kien hemm diffikulta biex jinstab post adekwat biex jingħata t-tagħlim ta' dawn il-korsijiet. Ghalhekk l-unika course li sar kien dak ta' l-Ispanjol.

## Librerija Pubblika

Il-Kunsill b'kollaborazjoni mad-Dipartiment tal-Libreriji Pubbliċċi jipprovdi servizz lil-komunita' ta' librerija pubblika li tinsab fil-grounds tal-Kulleġġ Santa Klara. Dan is-servizz ilu jingħata mis-sena 2000.

## Kotba mogħtija lill-Kunsill

Il-Heritage Malta ipprezentat numru ta' kotba lill-Kunsill għal-librerija.

## Bring-In Sites

Il-Kunsill għandu 'bring-in sites' fil-lokalita'. Dawn qegħdin:

- ✓ Fi Triq B'Kara;
- ✓ Fi Triq il-Baltiku;
- ✓ Il-Balluta;
- ✓ Fi Triq Ta' Ġiorni;
- ✓ Fi Triq Zammit Clapp;
- ✓ Ħdejn l-ITS;
- ✓ Fil-Pjazza Qalb ta' Ġesu' u
- ✓ Ix-Xatt ta' San Ġorġ (mal-ħajt ta' Villa Rosa)

Il-Kunsill identifika u rrakkomanda postijiet oħra fejn jistgħu isiru aktar bring-in sites. Dawn huma n-naħa ta':-

- ✓ Triq Wilġa mal-ħajt tad-Dragonara
- ✓ Triq Sant'Andrija quddiem Pender Place
- ✓ Triq Qalb Imqaddsa ħdejn l-iskola ta' Sacred Heart
- ✓ Triq Qalb Imqaddsa ħdejn Casa Leone

- ✓ Triq il-Mensija l-ġewwa, taħt il-Bridge Manwel Dimech
- ✓ Triq B'Kara viċin Sqaq is-Siġra
- ✓ Triq William H. Prescott
- ✓ Triq San Mark kantuniera ma' Triq San Mikiel viċin il-bieb ta' wara tal-Kulleġġ ta' l-Għarab
- ✓ Triq il-Baħar l-Iswed qabel il-parti ta' Triq il-Ġdida fi Triq il-Baħar l-Iswed
- ✓ Triq Scicluna ħdejn Balluta Buildings

Il-Kunsill irrakkomanda ukoll li l-Bring-In-Sites f'San Ġiljan ikunu ta' tip ta' taħt l-art minħabba li San Ġiljan huwa post turistiku.

### Skema ta' Ġbir ta' Skart Separat

Il-Kunsill laħaq ftehim mal-Green MT sabiex jibda jinġabar l-iskar separat. Dan il-ftehim ġie ffirmat waqt il-laqgħa tal-Kunsill nhar id-9 ta' Awwissu 2010. Filwaqt li ġie ffirmat ukoll il-kuntratt mal-WasteServ.

### Persuni bi bżonnijiet speċjali

Il-Kunsill ħa ħsieb illi jsiru numru ta' parking bays riservati għal persuni bi bżonnijiet speċjali, kif ukoll li l-bajjiet u l-bankini l-ġodda jkunu aċċessibli.

### *Zuntier tal-Knisja l-Qadima*

Hemm approvazzjoni tal-MEPA sabiex ikun jista jitpoġġa monument tal-gwerra fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' Lapsi (Applikazzjoni Nru. 3166/00). Din l-applikazzjoni ġiet approvata fi Frar 2002. Ix-xogħol għadu ma sarx peress li l-Kunsill għadu qed jistenna l-approvazzjoni tal-Knisja.

### Dar ta' l-Anzjani

Il-Kunsill għandu l-ħsieb illi tinbena dar għall-anzjani. Għalhekk tkomplew it-taħditiet ma' l-awtoritajiet ikkonċernati. Saru diversi laqgħat ma' Ministri, Segretarji Parlamentari u Awtoritajiet ikkonċernati, rigward żvillup tad-dar ta' l-anzjani. Waqt dawn il-laqgħat ġew diskussi l-possibilita' li f'dan il-proġett jiġu nkorporati Car Park, Uffiċċju tal-Kunsill, Berġa, Librerija, Day Care Centre u Night Call Centre.

F'dan il-proġett, Il-Kunsill għandu l-ħsieb li jinkludi unit għaz-żgħażagħ b'eating disorders. Il-Kunsill diġa għamel it-talba għad-devoluzzjoni ta' l-art.

## Car Parks fil-Lokalita'

Il-Kunsill għandu l-ħsieb li jsiru car parks fil-lokalita' wieħed ħdejn l-ITS u l-ieħor fi Triq Michelangelo Borg.

## Car Park Balluta

Il-Kunsill kellu l-ħsieb li jagħmel *Multi Storey Automatic Car Park* fl-area tal-Balluta, iżda wara li l-Kunsill għamel laqgħa pubblika irriżulta li kien hemm ħafna oġġezzjonijiet u għalhekk il-Kunsill iddeċieda li jwaqqaf dan il-proġett u ħareġ stqarrija għall-istampa.

## Triq ir-Rampa

Il-Kunsill sejjaħ lagħa pubblika għar-residenti ta' Triq ir-Rampa dwar l-immaniġġjar tat-traffiku f'din it-triq. Il-Perit tal-Kunsill spjega li kien ser isir żvillup privat ta' kostruzzjoni u waħda mill-kondizzjonijiet tal-MEPA hi li jsir immaniġġjar tat-traffiku ta' Triq ir-Rampa u li dan għandu jiġi approvat mill-Kunsill. Wara li l-Kunsill sema' l-ilmenti u ssuġġerimenti li saru, ġie deċiż unanimanent li r-residenti jippreżentaw petizzjoni lill-Kunsill favur ir-residential parking. Il-Perit ġie nfurmat illi l-Kunsill qabel mal-proposta tal-Immaniġġjar tat-Traffiku b'dawn il-kundizzjonijiet:-

- Li jiġi rrakkomandat li Triq ir-Rampa tiġi aċċessibbli għar-residenti biss;
- Jiġi nfurzat li jsir it-tindif tat-triq kif jispiċċaw il-ħaddiema; u
- Issir talba lit-Transport Malta sabiex fi Triq ir-Rampa jsiru:-

    1. Fishbone parking;
    2. Bollards biex il-pubbliku ma jipparkjax il-vettur fuq il-bankini;
    3. Sleeping Policemen
    4. Tidjixq il-bankina ż-żewġ naħat tat-triq u
    5. Ma jipparkjawx coaches.

- Intbagħtet ittra lill-kuntrattur li poġġa platform fi Triq ir-Rampa sabiex din titneħħa fi żmien ġimgħa u jekk ma' tittieħedx azzjoni, il-platform titneħħa mill-Kunsill għas-spejjez tal-kuntrattur. Il-platform baqgħat ma tneħħitx għaldaqstant din tneħħiet mill-Kunsill u intbagħtet il-fattura lill-kuntrattur.

## Memo 24/2009 – *Skema dwr Aċċessibilita' aħjar fil-Lokalita'*

Mit-talba tal-Kunsill sabiex in-naħa tal-Balluta tkun aktar aċċessibbli għal-kulħadd, il-Kunsill ser jingħata l-ammont ta' €10,000. €5,000 diġa ngħataw, filwaqt li l-€5,000 l-oħra ser jingħataw meta jitlesta x-xogħol. Dan il-proġett qiegħed fil-fażi fejn il-Kunsill qed jistenna li jinħareġ il-permess tal-MEPA.

## Memo 5/2010 - *Urban Improvement Fund - MEPA*

Il-Kunsill applika għall-fondi mill-MEPA għall-Urban Improvement Fund sabiex isir phase I tal-proġett dwar l-aċċessibilita' aħjar in-naħa tal-Cavallieri Hotel f'Xatt is-Sajjieda filwaqt li nħareġ permess tal-MEPA, P.A. No. 2142/09. Il-Kunsill għandu l-ħsieb li japplika għat-tieni fażi ta' dan il-proġett.

## Memo 11/2010 – *ERDF Axis 2 – Pre Call għall-proġetti b'aktar minn €2 miljuni fil-Qalba tal-Lokalitajiet*

Il-Kunsill applika sabiex jkun jista' jibbenefika min fondi ta' l-ERDF sabiex issir *Upgrading tal-Bajja tal-Balluta*. Ġiet sottomessa l-applikazzjoni għal dan il-proġett.

## Memo 12/2010 – *Għajnuna għat-Tħawwil ta' Siġar*

It-talba tal-Kunsill għat-tħawwil ta' 30 siġra mal-lokalita' ta' San Ġiljan ġiet milqugħa iżda il-proġett qiegħed 'on hold' min-naħa tad-Dipartiment (Inc. 3086/10)

## Memo 15/2010 – *Fondi Speċjali għal-Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali*

Il-Kunsill igwadanja s-somma ta' €35,000 għall-applikazzjoni fuq l-immaniġġjar tal-iskart, tindif u attendant għal-latrini. S'issa l-Kunsill ingħata €17,500. Il-Bilanċ ser jingħata aktar 'l quddiem.

## Memo 32/2010 – *Skema ta' għajnuna lill-Kunsilli li matul is-sena jilqgħu fihom attivitajiet fuq skala Nazzjonali u li jkunu organizzati esklussivament mill-Gvern Ċentrali (Ri. Żjara tal-Papa – Triq B'Kara)*

Il-Kunsill ingħata l-ammont ta' €9,000 sabiex ġiet irranġata parti minn Triq B'Kara għaż-żjara tal-Papa.

## Memo 73/2010 – *Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf*

Fir-rigward Memo 73/2010, l-Kunsill ngħata €400 għal din l-attivita' sabiex jitnaddaf qiegħ il-baħar, tal-Bajja ta' Spinola. Din l-attivita' saret nhar il-Ħamis 12 t'Awwissu 2010.

## Public Private Partenrship fuq it-Toroq

Fir-rigward Memo 45/2010 – il-Kunsill ħareg sejħa għall-offerti u qiegħed fil-proċess li jintgħażel il-Kuntrattur. It-Toroq li l-Kunsill għandu l-ħsieb li jagħmel huma:-

- Triq Claire E. Engle;
- Parti minn Triq San Mark;
- Triq Lapsi;
- Triq Joseph Carbone;
- Triq Klarissi;
- Triq l-Arcisqof Romero;
- Triq Michealngelo Cagiano;
- Triq Wied Għomor;
- Triq il-Mensija;
- Sqaq is-Siġra;
- Triq il-Qalb Imqaddsa;
- Triq il-Bajja;
- Triq il-Bajjiet;
- Triq Luigi Apap; u
- Triq Wilġa

## Proġett - tagħrif għall-pubbliku

Dan il-proġett jikkonsisti fit-twahhil ta' numru ta' monitors bi skop li dawn jintużaw biex il-pubbliku jkun infurmat fuq bażi ta' 24 x 7 b'kull tagħrif u attivitajiet tal-Kunsill. Il-Proġett l-ieħor huwa li 'l quddiem, il-laqgħat tal-Kunsill ikunu trasmessi permezz ta' video conferencing. B'hekk il-pubbliku, kemm mill-kumdita' ta' darhom, kif ukoll minn kull fejn hemm aċċess għall-internet, ikunu jistgħu segwu il-laqgħat tal-Kunsill.

Wieħed mill-vantaġġi tal-video conferencing huwa li, meta darba f'sena ssir il-laqgħa tal-lokalita', il-pubbliku jkollu l-opportunita' sabiex ikun jista' jipparteċipa kemm mill-kumdita ta' darhom kif ukoll minn postijiet oħra fejn hemm servizz ta' internet.

Dawn iż-żewġ proġetti qed jiġu ssuġġeriti biex-

- Il-pubbliku jkollu l-mezzi ta' tagħrif 24 x 7

- Il-pubbliku jkollu aktar ċans jipparteċipa fl-attivitajiet tal-Kunsill

Il-Kunsill għamel talba lil-MEUSAC biex jara jekk jeżistux fondi mill-Unjoni Ewropea li l-Kunsill jista' jibbenefika minnhom biex jsiru dawn il-proġetti.

## Bus Shelters

L-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, għan-nom tal-Kunsilli li għandhom il-bus shelters imwaqqfin mill-kuntrattur Faces Consultants Limited, daħlet fi ftehim ma' l-Awtorita' dwar it-Trasport. Permezz ta' dan il-ftehim l-Awtorita' dwar it-Trasport tkun tista' twaħħal mal-Bus Shelters informazzjoni lill-komunita' dwar is-servizzi ta' rotot fiż-żoni rispettivi.

## Street Lighting

Permezz tad-delega ta' Stallazzjonijiet ta' Tidwil tat-Toroq lill-Kunsilli Lokali, il-Kunsill qed jieħu ħsieb sa fejn hu possibbli l-manutenzjoni u stallazzjonijiet tad-dawl tat-toroq. Madankollu għad hemm xi bozoz fuq arbli tal-ħadid u li magħhom hemm għaddejjin l-'aerial cables' ta' l-Enemalta li għadhom jaqgħu taħt ir-responsabilita ta' l-Enemalta.

## Ġemellaġġ

Il-Kunsill wera nteress li jsir ġemellaġġ ma' Katanja wara li rappreżentanti ta' dan il-pajjiż urew ix-xewqa li jsir ġemellaġġ mal-Kunsill ta' San Ġiljan. Għaldaqstant ġie maħtur kunsillier biex jieħu ħsieb il-kuntatti u jiġbor l-informazzjoni meħtiega u jinforma lill-Kunsill b'dak li jkun qed jiġri.

Il-Kunsill beda l-proċeduri sabiex ikun jista jsir Ġemallaġġ mal-Municipju ta' Corfu fil-Grecja. Il-Kunsill qed jistenna li jkollu l-finanzi u li jingħata l-approvazzjoni mill-awtoritajiet ikkonċernati biex jitkomplew il-proċeduri.

## Convenant of Mayors

Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv attendew għaċ-Ċerimonja tal-Convenant of Mayors ġewwa Brussels. Sabiex jiġi issiġillat il-Patt tas-Sindki jrid isir rapport tas-SEAP (Sustainable Energy Action Plan). Dan ir-rapport maħsub li jkun lest sa l-aħħar ta' Jannar 2011.

## Bye-Laws

Il-Kunsill għandu dawn il-Bye Laws:-

- ✓ Bye-Laws ta' l-2001, K.L.B.L. 52/19/2001, dwar l-Organizzazzjoni ta' Korsijiet fil-kompjuter, ganutel, bizzilla, ħansa, cross stich, flower arrangement u first aid.
- ✓ Bye-Laws ta' l-2004, K.L.B.L. 52/7/2004 & 52/1/2008, dwar Xorb f'Kontenituri tal-Ħġieġ u l-Konsum ta' Alkoħol f'Postijiet Pubblici.

- ✓ Bye-Laws ta' l-2006, K.L.B.L. 52/2/2006, dwar Reklami fuq Għamara tat-Toroq.

- ✓ Bye-Laws ta' l-2008, K.L.B.L. 52/2/2008, dwar Xatt is-Sajjieda

Il-Kunsill għadda lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni, il-Bye-Laws dwar:-

- ✓ Armar ta' Għamara fuq Bankini f'San Ġiljan u sewqan ta' Roti fuq l-istess Bankini, u

- ✓ Ġbir ta' skart minn fondi kummerċjali.

## Kalendarju tal-Kunsill

Il-Kunsill ħa ħsieb li l-kalendarju tal-Kunsill ikun fiħ dawn l-attivitajiet:-

**Karnival** – Din l-attivita' tkun ta' madwar sagħtejn, issir fi Frar, fil-Pjazza Qalb ta' Ġesu' u tinkludi diversi gruppi taż-żfin, maskaruni u daqq ta' banda jew baned; Għas-sitt sena konsekuttiva l-Karnival sar is-Sibt 13 ta' Frar 2010 fil-Pjazza Qalb ta' Ġesu'.

**Maratona** – Din il-5K Road Race issir ġimgħa qabel il-Festa ta' San Ġiljan u r-rotta tkun kif ġej:- tibda minn Spinola, jinżlu lejn is-Savoy, jduru minn ħdejn il-futbol grawnd tal-Gzira u jerggħu lura lejn San Ġiljan tul id-dawra tal-baħar;

**Mediterranean Feast (Lampuki Night)** - Issir Lampuki Night għal nofs Settembru f'Xatt is-Sajjieda. Jittellgħu stalls b'wirja ta' lampuki u d-diversi modi li jistgħu jissajru. Għal din l-attivita' jiġu mitluba jipparteċipaw is-sajjieda tal-lokalita' u l-Lukandi f'San Ġiljan u f'Paceville biex min hu interessat jipparteċipa. Dan billi jagħmlu xi riċetta li hija speċjalita' tagħhom iżda li għandha x'taqsam mal-ħut.

**Qala International Folk Festival** – Waħda mis-serati tal-Qala International Folk Festival, li jittella' fuq medda ta' 4 t'ijiem issir ġewwa San Ġiljan. Għall-ħames sena konsekuttiva l-Kunsill ospita' waħda mis-serati li ttellgħet f'San Ġiljan. Din ikkonsistiet billi l-gruppi barranin flimkien mal-Menhir Qala Folk Group taw esebizzjoni ta' żfin u kant folkloristiku f'Xatt is-Sajjieda. Din l-attivita saret nhar il-Ġimgħa 17 ta' Settembru 2010.

## Monument Kommemorattiv

Il-monument kommemorattiv li kellu jsir sabiex jikkomemora l-15 il-sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali u li kellu jiġi sponsorjat mill-Banif Bank, ma sarx. Dan peress li għadda ż-żmien u ntilef l-iskop tiegħu.

### Attivitajiet Soċjali

Ta' kull sena l-Kunsill jorganizza diversi attivitajiet, liema attivitajiet ikunu ntizi li jolqtu firxa ta' residenti. Uħud minn dawn issa saru parti mill-kalendarju tal-Kunsill u r-residenti jkunu qed jistennewhom.

- l-ewwel attivita' hija Jum San Ġiljan li tiġi fil-5 t'April, il-jum li l-ewwel Kunsill immarka fil-kalendarju bħala Jum il-Lokal. Minħabba li meta jiġi ċċelebrat dan il-Jum ġieli jkun viċin festi oħra, ezempju, id-Duluri jew il-Ġimgħa Mqaddsa u ġieli t-temp ma jippermettix il-Kunsill iddeċieda li f'April tibqa ssir il-ħarga għall-anzjani biss, filwaqt li ħmistax il-gurnata qabel il-festa titulari jiġi ċċelebrat Jum il-Lokal u jibdew isiru attivitajiet oħra. Din is-sena għal-Jum San Ġiljan saru dawn l-attivitajiet:-

    - L-ewwel attivita' Għal Jum San Ġiljan saret nhar is-7 ta' April 2010 fejn saret ħarġa għall-anzjani fir-Riviera Hotel & Spa;

    - Saret kompetizzjoni għat-tfal ta' l-Iskola Primarja u tas-Sacred Heart. Din ikkonsistit f'komponimenti fuq il-villaġġ ta' San Ġiljan. Kull parteċipant li ħa sehem f'din il-kompetizzjoni ser jingħata ktieb peress li l-komponimenti kollha kienu tajbin.

- Għall-għaxar sena konsekuttiva l-Kunsill ħa sehem f'attivita' li tiġi organizzata kull sena mill-Għaqda Maltija ta' l-Ortikultura fix-xahar ta' Mejju fil-Ġonna ta' San Anton. Din is-sena kienet il-107 wirja ta' The Great Spring Show u saret bejn l-1 u t-2 ta' Mejju 2010. F'din l-attivita' issir wirja ta' qoffa rranġata bil-ħaxix ta' l-ikel u frott. Wara l-wirja din il-qoffa tingħata bħala donazzjoni lill-Istituti tal-Karita.

- Għal żmien il-Milied il-Kunsill organizza 'Coffee Morning' għall-anzjani. Din l-attivita' saret fil-15 ta' Diċembru 2010. Peress li l-attendenza tar-residenti għal attivitajiet bħal dawn zdied il-Kunsill iddeċieda li jibdew jinħargu 200 biljett biss li jkunu bla ħlas u dawn jingħataw fuq bazi ta' 'first come first serve'.

- Ittelgħat attivita' Christmas Village fil-Pjazza tal-Balluta, għal żmien il-Milied, b'kollaborazzjoni mas-Soċjeta Mużikali tal-Karmnu Balluta, nhar is-Sibt 18 u nhar il-Ħadd 19 ta' Diċembru 2010.

- Għal żmien il-Milied u għal 16–il sena konsekuttiva sar tiżjin bid-dawl dekorattiv fil-Pjazza tal-Balluta, mad-dawra tal-promenade mill-Barracuda sal-monument tal-

LOVE, il-pont li jagħti għall-Knisja Parrokjali, il-Pjazza ta' Spinola, ir-Roundabout tal-Mensija, il-faċċata tal-Kunsill, in-naħa tal-Merħba Pharmacay f'Ta'Ġiorni, u fil-Ġnien ta' Ta' Ġiorni.

- Għal żmien il-Milied ser issir kunċert b'kollaborazzjoni mas-Sjr Marie Therese Vassallo nhar is-Sibt 18 ta' Diċembru 2010, fil-Knisja tal-Karmelitani, il-Balluta, u kunċert ieħor, b'kollaborazzjoni mal-Każin tal-Banda San Giljan, nhar is-6 ta' Jannar 2011.

## Self Funding Activities

Il-Kunsilliera Irene Borg li fil-kariga tagħha hija responsabbli għall-anzjani, u attivitajiet soċjali u kulturali ħadet ħsieb, bl-approvazzjoni tal-Kunsilliera torganizza self funding activities kif ġej:-

- Fil-5 ta' Mejju 2010 saret zjara fil-Palazz tal-President il-Verdala fejn attendew 48 persuna;

- Nhar id-9 ta' Ġunju 2010 saret ħarġa għal Għawdex u attendew 54 persuna;

- Nhar is-16 ta' Lulju 2010 sar BBQ fil-Lukanda Diplomat u attendew 45 persuna.

- Nhar l-14 ta' Novembru 2010 saret il-ħarġa ta' San Martin fejn attendew 38 persuna.

## Servizz lejn il-Komunita'

Il-Kunsill ħa ħsieb li fejn huwa possibbli jipprovdi servizz lejn il-komunita' bl-iskop li r-residenti kif ukoll l-pubbliku jkunu moqdija aħjar u baqa' jipprovdi servizz permezz ta':-

- servizz li qed jingħata biex il-Millennium Chapel tinżamm nadifa minħabba li din qed tintuża bħala 'Day centre'.

- Is-servizz ċirkulari ta' mini van. Ir-rotta ta' dan is-servizz tibda mill-Pjazza ta' Balluta tgħaddi minn Triq il-Kbira, tinżel għall-Pjazza Spinola, iddur mal-monument tal-Qalb ta' Ġesu, tgħaddi mit-Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq il-Kbira, Triq Lapsi, Ta' Ġiorni, Telgħet B'Kara, Triq B'Kara, Sacred Heart Area ( Casa Leone ) Telgħet San Ġiljan u jerġa lura lejn il-Balluta. Is-servizz jingħata kif ġej:-

**Fis- Sajf** mit-23 ta' Ġunju sat-28 ta' Settembru; Mit-Tnejn sas-Sibt, Ħin: 12.00 p.m. u l-Ħadd u Festi Pubblici fis-1.00 p.m. Tluq mill-Balluta u jdur ir-rotta darba waħda biss. Filgħaxija: Mit-Tnejn sal-Ħadd u Festi Pubbliċi. Ħin: Mid-9.00 p.m. sal-11.00 p.m.

**Fix-Xitwa** mid-29 ta' Settembru sat-22 ta' Ġunju, Filgħodu: Mit-Tnejn sal-Ġimgħa, Ħin: mill-10.30 a.m. sal-11.30 a.m., Filgħaxija: Mit-Tnejn sal-Ġimgħa, Ħin: Mis-6.30 p.m. sas-7.30 p.m., Nhar ta' Sibt, Ħadd u Festi Pubbliċi, Ħin: Mis-6.00 p.m. sat-8.00 p.m.

- Il-Kunsill għandu ftehim mal-Ministeru ta' l-Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni biex jiġu provduti servizzi elettroniċi lokali taħt l-iskema tal-Local e-Government, skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-istess ftehim. Dan is-servizz huwa estiż ukoll biex jingħata mill-Millennium Chapel (Wi-Fi).

- Għas-seba' sena konsekuttiva l-Kunsill ipparteċipa b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tas-Saħħa sabiex ir-residenti jingħataw it-tilqima kontra l-influwenza. Dan is-servizz ingħata bla ħlas fl-uffiċċju tal-Kunsill. Għal dan is-servizz applikaw 164 resident.

- Il-Kunsillier Ronald Agius flimkien ma zewg persuni qed joffru servizz komunitali lin-nies li jħossuhom weħedhom. Ser jingħaqad group għan-nies single (inkluz nies separati kif ukoll romol li għandhom, 'l fuq min 35 sena.

- Il-Kunsill aċċetta li jsiru l-information sessions dwar is-servizzi tal-ETC/EURES.

- B'kollaborazzjoni ma' l-Għaqda Piroteknika San Ġiljan ittella' tournament nhar is-16 ta' Mejju 2010 fil-5-a-side pitch f'Ta' Ġiorni

- Il-Kunsill xtara għoxrin ktieb ta' tieni volum ta' Dun Anton Kitbietu Miġbura sabiex jintużaw għall-Prize Day ta' l-iskola.

- Il-Kunsill b'kollaborzzjoni ma' San Ġiljan Aquatic Sports Club organizza tournament internazzjonali tal-watepolo, kif ukoll pprovda servizz għat-tagħlim ta' l-għawm.

- Il-Kunsill ippreżenta tifkira lit-tlett anzjani, li huma residenti f'Casa Leone fl-okkażjoni ta' għeluq il-mitt sena ta' dawn it-tlett residenti.

- Le Meridien St Julian's b'kollaborazzjoni mal-Kunsill organizza Blood Donation Campaign nhar il-21 ta' Ottubru 2010, u nhar l-24 ta' Ottubru 2010 saret taħdita għall-anzjani minn kelliema kwalifikati rigward il-First Aid Awarness, Defilrillator Awareness u Fire Awarenes.

## Attivitajiet / Servizz Kulturali

- Ittellgħat Wirja tal-Ġimgha Mqaddsa b'kollaborazzjoni ma' l-Għaqda ta' l-Armar, Festa Madonna tal-Karmnu Balluta.

- Nhar is-27 ta' Marzu 2010, itella' Kunċert tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Knisja tal-Balluta b'kollaborazzjoni mas-Sinjura Marie Therese Vassallo.

- B'kollaborazzjoni mal-Banda San Ġiljan, il-Kunsill tella' Kunċert tal-Ġimgħa l-Kbira fil-31 ta' Marzu 2010 fil-Knisja tal-Kunċizzjoni.

- Għas-sitt sena konsekuttiva il-Kunsill ipparteċipa, b'kollaborazzjoni mal-Kazin tal-Banda San Ġiljan, biex ittella' programm mużikali f'Xatt is-Sajjieda. Dan il-programm sar fis-6 ta' Ġunju 2010.

- Il-Kunsill ipparteċipa b'kollaborazzjoni mas-Soċjeta' Mużikali tal-Karmnu Balluta biex ittellgħet Lejla ta' Varjeta fil-Pjazza Balluta. Din saret nhar il-Ħadd 18 ta' Lulju 2010 fl-okkażjoni tal-Festa ad unur il-Madonna tal-Karmnu.

- Il-Kunsill ipparteċipa b'kollaborazzjoni mal-Parroċċa San Ġiljan fejn saret attivita' ta' tberik ta' l-annimali nhar il-Ħadd 8 ta' Awwissu 2010.

- Għat-tielet sena konsekuttiva nhar is-Sibt 28 ta' Awwissu 2010 u l-Ħadd 29 ta' Awwissu 2010, ġiet imtella' l-attivita' tradizzjonali tal-ġostra b'kollaborazzjoni ma' l-Għaqda tal-Ġostra ta' San Ġiljan.

- Ġie esebit presepju artistiku b'kollaborazzjoni ma' l-Għaqda Festa Madonna tal-Karmnu.

## Magazin "Leħen il-Kunsill Tiegħek"

Għal sena oħra konsekuttiva l-Kunsill baqa' jzomm kuntatt regolari mar-residenti billi jippubblika l-magazin. Dan grazzi għall-kontribut li jipprovdu l-Kunsilliera. Din is-sena il-Kunsill ħa ħsieb li jtejjeb dan il-magazin. Dan sar possibbli wara li d-direzzjoni tal-ktieb għaddiet f'idejn is-Sur John Agius. L-iskop tal-Kunsill huwa li "Leħen il-Kunsill Tiegħek" ikun aktar informattiv u attrajenti mhux biss bix-xogħlijiet li għamel u qed jagħmel il-Kunsill iżda li jingħata tagħrif dwar iż-żmienijiet li bidlu l-lokalita'. Il-Kunsill ukoll qiegħed jistieden lill-pubbliku biex jipparteċipa fil-ħarġa ta' dan il-magazin. Għalhekk kull min għandu xi ritratti antiki u jixtieq li jkunu ppubblikati jew min irid jagħti l-veduti tiegħu fuq dak kollu li jirrigwarda lil-lokal, jew min ikollu xi suġġeriment jew kritika kostruttiva huwa fil-liberta' li jagħmilha.

## Website

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan għandu website li tista tiġi aċċessibli mill-www.gov.mt

## *e*-Government

Wara l-partecipazzjoni fil-proġett ta' l-eGovernment il-Kunsill ħa ħsieb li l-benefiċċji tal-komunikazzjoni digitali joqorbu lejn iċ-ċittadin. Għaldaqstant qed jiġi provdut lill-pubbliku s-servizz ta' l-internet mill-Kunsill dan jinkludi ukoll servizz ta' l-Internet WIFI.

## Wi-Fi Access Point

Sabiex il-pubbliku jkun moqdi aħjar, ġie nstallat Wi Fi Access Point fil-Pjazza tal-Balluta, u ser jiġi nstallat ieħor ġewwa il-Millennium Chapel.

## Laqgħat

Il-Kunsill kellu diversi laqgħat kemm ma' Ministri, Segretarji Parlamentari, Dipartimenti, Awtoritajiet u diversi għaqdiet kif ukoll mal-Pulizija fejn il-Kunsill ressaq proposti, diversi lmenti u suġġerimenti għall-gid tal-lokalita'.

## Ufficcju Amministrattiv

L-uffiċċju tal-Kunsill ikun miftuħ għall-pubbliku kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa f'dawn il-ħinijiet:-

| | |
|---|---|
| Xitwa: | Milll-1 ta' Ottubru sal 15 ta' Ġunju |
| Ħin: | 8:00 a.m - 11:30 a.m. |
| | 12:30 p.m. - 3:30 p.m. |
| Sajf: | Mis-16 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru |
| Ħin: | 8:00 a.m. - 11:30 a.m. |
| | 12:15 p.m. - 1:30 p.m. |

Mis-17 t'Ottubru 2009 l-uffiċċju tal-Kunsill beda jiftaħ ukoll nhar ta' Sibt mit-08.00a.m. sal-11.30a.m.

Pagamenti jistgħu jsiru kuljum matul is-sena kollha bejn it-8.00 a.m. u l-11.30 a.m. u nhar ta' Erbgħa fix-Xitwa ***BISS*** pagamenti jiġu aċċettati wkoll wara nofs in-nhar min-12.30 p.m. sat-3.30 p.m.

## Amministrazzjoni

Fl-ufficcju amministrattiv hemm is-Segretarju Eżekuttiv, erba' skrivani full-time u tnejn part-time. Dan minbarra s-servizz ta' persuna oħra fuq *customer care.* Minn żmien għal żmien l-impjegati tal-Kunsill jingħataw taħrig biex jaġġornaw ruħhom mad-delegi ġodda li jingħataw lill-Kunsill. Din is-sena s-Segretarju Eżekuttiv attendiet diversi seminar kif ukoll attendiet taħriġ għas-Segretarji Eżekuttivi fi Brussels mill-UDITE kif ukoll għall-workshops organizzat minn PRIMO u għat-10$^{th}$ UDITE Congress ġewwa Strasbourg.

Sar upgrading tat-tagħmir ta' l-Uffiċċju. Dan biex il-Kunsill ikun aktar effiċjenti.

Il-Kunsill ingħata hames (5) kompjuters taht l-iskema kompjuters rikondizzjonati għall-Kunsilli Lokali.

## Konklużjoni

Kif wieħed jara minn dan ir-rapport, jinnota l-impenn u r-responsabbilta' li għandu l-Kunsill lejn ir-resident u ċ-ċittadin.

Jingħata ringrazzjament lis-Sindku u lill-Kunsilliera kollha li volontarjament offrew is-servizz tagħhom f'kull aspett sabiex seta' jsir dan ix-xogħol fil-lokalita'. Filwaqt li ma jonqosx ukoll ir-ringrazzjament lis-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll lill-iskrivani li jagħmlu l-almu tagħhom kollu sabiex mill-aħjar li jistgħu jitwettqu l-policies tal-Kunsill.

**Summarju tax-xogħolijiet li saru f'San Ġiljan mill-1996 kemm min-naħa tal-Kunsill kif ukoll min-naħa tal-Gvern Ċentrali b'kollaborazzjoni mal-Kunsill:**

| **Sena** | **Deskrizzjoni** |
|---|---|
| 1996 / 97 | Rikostruzzjoni ta' Triq is-Sorijiet; |
| 1999 / 00 | Pavimentar fi Triq Sant'Anglu; |
| | Proġett Pilota mal-Kunsilli ta' San Ġwann u Swieqi dwar il- Ħarsien ta' Wied Għomor, fejn ġie żviluppat f'żona ta' rikreazzjoni; |
| | Neighbourhood Watch fl-inħawi ta' Triq il-Baħar l-Iswed (The Village); |
| | Rikostruzzjoni ta' Triq Lapsi; |
| 2000 / 01 | Saret l-ewwel fażi tat-tisbiħ tal-promenade minn ħdejn iċ-Chain Restaurant sa San Ġiljan Water Polo Club; |
| | Tisbiħ in-naħa ta' Wied Kalci; |
| | Bankina ġdida fi Triq Jean Houel; |
| | Bankina ġdida fi Triq Spinola; |
| | Inbidlu l-ismijiet kollha tat-toroq u saru taċ-ċeramika; |
| | Beda l-ewwel fażi tal-proġett tal-Kuridur Ekoloġiku Ta' Ġiorni; |
| | Sar pavimentar in-naħa taz-zuntier tal-Knisja Lapsi; |
| | Bdew jinbidlu l-Bus Shelters; |
| | Beda jsir il-manutenzjoni fuq l-istreet lighting; |
| | Beda jingħata servizz regolari ta' Librerija Pubblika |
| | Saru l-Bye-Laws ta' l-2001 dwar l-Organizzazzjoni ta' Korsijiet; |
| 2002 / 03 | Sar Tisbiħ fuq l-iskall in-naħa tal-Lukanda Cavallieri u fil-Bajja ta' Spinola; |
| | Beda (biss) xogħol ta' tisbiħ fi Triq Wied Għomor; |
| | Tisbiħ tat-tieni fażi tal-promenade bejn il-Water Polo Club ta' San Ġiljan u l-Knisja tal-Karmnu, kif ukoll tad-dawra sa Pjazza Spinola; |
| | Tisbiħ tal-parti t'isfel ta' Triq Wilġa ħdejn ir-roundabout u ħdejn Xatt il-baħar; |
| | Rikostruzzjoni ta' Triq il-Ballut, Triq Bonavita, Triq il-Klarissi; |
| 2003 / 04 | Pavimentar fi Triq il-Karmnu; |
| | Rikostruzzjoni ta' Triq B'Kara; |
| | Saret mill-ġdid it-Triq Qalb Imqaddsa; |
| | Tlesta l-proġett tat-tisbiħ tal-promenade; |
| | Infetaħ ufficjalment l-uffiċċju amministrattiv il-ġdid tal-Kunsill fi Triq Forrest; |
| | Kompla t-tisbiħ fi Triq Santu Wistin, Triq San Ġorġ, Trejqet Dragonara, Triq Elia Zammit, parti minn Triq Wilġa, Triq Gort, Triq Ball, Triq Dobbie, Paceville Avenue u Triq Salvu Privitera; |
| | Ġie installat Webphone fil-Pjazza Spinola; |
| 2004 / 05 | Beda t-tieni fażi tal-Kuridur Ekoloġiku ta' Ta' Ġiorni; |
| | Sar Rikostruzzjoni ta' Triq San Mark, San Mikiel u Triq il-Fraxxnu |
| | Tlesta t-tisbiħ ta' Paceville; |
| | Beda t-tisbiħ tal-Bajja ta' San Ġorġ; |
| | Saru l-Bye-Laws ta' l-2004 dwar Xorb f'Kontenituri tal-ĦĠieg; |

Saru bankini ġodda fi Triq Forrest kantuniera ma' Triq il-Mensija u l-parti ta' quddiem il-Kunsill u l-faċċata l-oħra tat-triq, Triq Lapsi kantuniera ma' Triq San Mark, Triq il-Baltiku qabel iddur għal Triq il-Mediterran, Triq Zammit Clapp, Triq Ġdida fi Triq B'Kara, u Triq Michelangelo Borg minn Triq il-Baltiku 'l isfel sa qabel il-Pjazza Spinola;
Ġie approvat il-'Controlled Residents' Parking Scheme' għal Paceville kollu u f'toroq oħra f'San Ġiljan.
Sar dawl ġdid fi Triq is-Sorrijiet, Triq il-Palm, Triq il-Qaliet, Triq Ġdida fi Triq il-Qaliet, Triq il-Mensija, Triq Wied Għomor, Telgħet San Ġiljan u Xatt is-Sajjieda.
Ġie organizzat il-Karnival f'San Ġiljan għall-ewwel darba.

2005 / 06

Saret stallazzjoni ta' sbatax il-fanal in-naħa ta' Xatt is-Sajjieda;
Twaħħlu bankijiet fi Triq Wilġa Paceville u fil-ġnein Saver Zarb fi Triq B'kara;
Sar Xogħol ta' tisbiħ fil-Pjazza ħdejn il-Park Towers;
Saru bankini ġodda fi Triq Ta' Ġiorni minn ħdejn il-Merħba Pharmacy sa Triq il-Fagu; Triq Ta' Ġiorni kantuniera ma' Clare Engel minn ħdejn il-masoinettes sal-kantuniera bi dritt Triq il-Fagu; Triq it-Tamal in-naħa ta' Garden Cresent; Triq Manwel Dimech; Telgħet San Ġiljan; Triq Scicluna kif taqbeż Triq Sur Fons; Triq il-Kbira n-naħa tal-ħwienet ħdejn Pjazza Balluta;
Tlestiet l-ewwel fażi tal-Proġett Kuridur Ekoloġiku Ta' Ġiorni u komplew ix-xogħolijiet fuq it-tieni fażi;
Tlesta t-tisbiħ in-naħa taz-zuntier tal-Knisja ta' Lapsi;
Sar Rikostruzzjoni ta' Triq Manwel Dimech (il-parti t'isfel), Triq il-Fagu, Triq Nicholas Monsarrat, Telgħet San Ġiljan, Triq il-Kbira minn ħdejn Triq Sant' Elia sa ħdejn Grenfell Junction.
Bdiet titħaddem is-sistema tal-Controlled Residents' Parking Scheme';
Tlesta il-proġett ta' tisbiħ tal-Bajja ta' San Ġorġ;
Beda l-proċess għad-devoluzzjoni ta' l-artijiet fl-inħawi ta' l-area ta' ħdejn il-Westin Dragonara taħt St. George's Park, fi Triq Dragonara; in-naħa ta' Pjazza Spinola l-area ta' ħdejn l-ex Tiguglio; Ta' Ġiorni fejn hemm il-proġett tal-Kuridur Ekoloġiku;
Inxtraw numru ta' kotba biex jintużaw mil-librerija ta' l-iskola primarja;
Il-Kunsill ħa sehem fi proġett pilota dwar il-kollezzjoni ta' zejt użat minn 'households';
Inbidlu kwazi l-Bus Shelters il-qodma kollha.
Ġew identifikati aktar siti biex jintużaw għall-'bring in sites';
Ġie nstallat dawl ġdid fi Triq Bay Junction, Triq ġdida fi Triq il-Baħar l-Iswed, Triq Manwel Dimech, Triq Andre Mauros u Triq Lapsi kantuniera ma' Wesgħa Agostino Savelli.

Il-Kunsill iffirma ftehim mal-Ministeru ta' l-Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni biex jiġu provduti servizzi elettronici lokali taħt l-iskema tal-Local e-Government;
Għall-ewwel sena ir-residenti ngħataw it-tilqima kontra l-influwenza, dan is-servizz ingħata bla ħlas.
Il-Kunsill ipparteċipa fi programm imsejjaħ **ESF 18 – Literacy Programme for those seeking Employment;**
Ipprovda trasport bla ħlas, għar-residenti Ġiljanizi, li jattendu għall-korsijiet fil-kompjuter li jingħataw minn STMicroelectronics;
Ipparteċipa f'avveniment prestiġjuż li sar għall-okkazzjoni tal-CHOGM;
Il-Kunsill ipparteċipa f'attivita' dwar Trees For You (34U) Campaign.

2006/07

Tneħħa ċ-chewing gum minn fuq il-bankina minn ħdejn il-Baracuda Restaurant sal- Pjazza Spinola u n-naħa ta' Pjazza Balluta;
Sar manutenzjoni tad-dawl f'diversi toroq;
Twaħħlu bankijiet f'Ta' Ġiorni, n-naħa ta' Merħba Pharmacy kif ukoll in-naħa tal-housing estate.
Sar manutenzjoni fl-area ta' Ta' Ġiorni kollu u f'diversi postijiet fil-lokalita' fejn ġew irranġati ċnut u bankijiet li ta' sikwit jiġu vvandalizati.
Sar tindif ġenerali fi Triq Andre' Maurois, Triq William H. Prescott, fil-kantuniera ta' Triq Patrick Brydone, fil-kantuniera ta' Triq Claire E. Engle u d-dawra tal-ground f'Ta' Ġiorni.
Sar manutenzjoni fuq il-ġibjun f'Ta' Ġiorni.
Saru 'U-shaped barriers' f'diversi toroq.
Inbidlu diversi kaptelli minħabba li xi sewwieqa tellgħu l-vettura tagħhom fuq il-bankini.
Sar tindif u qtugħ ta' ħaxix fil-lokalita' kollha.
Saru 'planter boxes' fi Triq Ġ. Borg Olivier fl-inħawi tal-Neptunes Club.
Ġiet irranġata t-triq bejn Triq Wied Għomor u Triq Forrest.
Ingħata kisja tarmak fi Triq Sant'Elija sakemm jitlesta l-iżvilupp li qed isir fl-inħawi.
Tpoġġew siġar fi qsari fuq il-promenade n-naħa tal-monument LOVE, wara Palazzo Spinola u f'entratura ta' Paceville.
Tneħħew it-traffic lights li kien hemm fi Triq San Ġorġ kantuniera ma' Triq Ross u saret 'mountable round-about' u saru 'zebra crossings. Dan bi skop biex jiġi evitat il-konġestjoni tat-traffiku u kull inkonvenjent għall-pubbliku.
Ġew irranġati bankini u / jew saru ġodda f'dawn it-toroq:

- Triq Bertha K.Ilg quddiem Block D
- Triq Furtu Selvatico
- Ix-Xatt Ta' San Ġorġ quddiem Henry J. Beans Bar
- Partijiet ta' Telgħet Birkirkara
- Triq il-Kbira n-naħa ta' Balluta Buildings
- Triq Ross bejn il-Padova Restaurant u l-Bottle Shop.

Tkomplew ix-xogħolijiet fuq il-proġett tal-Kuridur Ekoloġiku f'Ta' Ġiorni.

Il-Kunsill qed jipparteċipa f'proġett VUCC (Valletta Urban Community Council) – SURCH Ed. (Social inclusion in Urban Regeneration through Cultural Heritage and Education)

Bdew ix-xogħlijiet fuq Ġnien Spinola fejn ingħata dehra fuq stil Barokk.

Sar rikostruzzjoni ta' Triq Furtu Selvatico.

Bdiet tiġi nfurzata l-iskema tal-'controlled residential parking'

Reġa' ingħata servizz addizzjonali ta' tindif għal matul ix-xhur tas-sajf.

Beda l-proċess għad-devoluzzjoni ta' l-artijiet fl-inħawi tal-Lukanda Corinthia San Ġorġ, fejn il-kunsill għandu l-ħsieb li din l-area tiġi żviluppata f'Car Park ikkontrollat.

Jiġi provdut servizz lil-komunita' ta' librerija pubblika

